MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 687/1981/1

**Orazio sive Grazio Cutajar**

**Vs**

**Emmanuele Cutajar bhala eredi ta' Salvatore u Antonia Cutajar; Guza mart Frangisk Agius, Pietra mart Agostino Dalli; Gerald, Loreto, Imelda mart Andrea Spiteri u Stella mart Carmelo Caruana, ahwa Cutajar, bhala kuraturi *de jure* ta' l-assijiet ta' l-istess Salvatore u Antonia Cutajar.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l- provvedimenti opportuni;

Premess illi Antonia Cutajar mietet fil-15 ta’ Frar, 1974, u Salvatore Cutajar miet fil-25 ta’ Lulju, 1974, u b’ testment taghhom fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar tas-27 ta’ Lulju, 1971, l- istess konjugi hallew bhala legat lill-konvenut Emmanuele Cutajar it-terran “Maria Stella”, St. Cirus Street, Gudja, bid-drittijiet u pertinenzi tieghu, u b’ dak kollu li kien jinkludi bhala oggetti mobbili, eskluzi biss il-flus u t-titoli li jirrapprezentaw flus, u dana fil-gurnata tal-mewt tas-superstiti;

Premess illi dak il-legat kien jirraprezenta kwazi t-totalita` ta’ l-assijiet taghhom u ghalhekk l-istess legat kien jeccedi l-porzjon disponibli tat-testaturi;

Premess illi l-istanti, b’ Nota ipprezentata fl- istess jum tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni, quddiem is-Sekond’ Awla ta’ din l-Onorabbli Qorti, irrinunzja ghas-successjoni testamentarja tal- genituri tieghu u rriserva d-dritt li jesigi l-legittima lilu spettanti skond il-Ligi;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiffirma u tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti gja’ ezistenti bejn il-genituri taghhom, u tigi konsegwentement maqsuma f’ zewg porzjonijiet indaqs, u porzjon minnhom jigi assenjat lill-assi partikolari ta’ Salvatore Cutajar, u l-porzjon l-iehor jigi assenjat lill-assi ta’ Antonia Cutajar;

2. Tiffirma u tillikwida l-assi partikolari ta’ Salvatore Cutajar sabiex tigi likwidata u assenjata l-legittima spettanti lill-attur minn dana l-assi;

3. Tillikwida u tiffirma l-assi partikolari ta’ Antonia Cutajar, sabiex tigi likwidata u assenjata l-legittima spettanti lill-attur minn dana l-assi;

4. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw il-kontumaci;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tat-18 ta’ Mejju 1981, kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Imelda mart Andrea Spiteri li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi hija ma topponix ghat-talbiet attrici;

2. Illi hija wkoll ser titlob li tinghata lilha l-legittima kemm ta' l-assi patern kif ukoll ta' l-assi matern;

3. Illi in vista tal-premess, hija ma ghandhiex tbati spejjez;

B' riserva ta' eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta Imelda Spiteri u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emmanuele Cutajar li fiha huwa eccepixxa:-

Illi l-esponenti qatt ma oggezzjona ghal likwidazzjoni u divizjoni ta' l-ereditajiet in kwistjoni u ghalhekk ma jopponix ruhu ghat- talbiet kontenuti fic-citazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Emmanuele Cutajar u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Pietra mart Agostino Dalli li permezz taghha eccepiet:-

Illi hija ma ghandhiex interess fil-likwidazzjonijiet mitluba u fl-assi ta' l-imsemmija Salvatore u Antonia Cutajar billi hija irrinunzjat skond Nota prezentata fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fl-istess jum tal-prezentata ta' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet, ghal wirt li gej favur taghha mis-successjoni

ta’ l-imsemmija genituri taghha u dana minghajr ebda pretensjonijiet ta’ xejn, inkluz id-dritt tal-legittima lilha dovuta skond il-ligi, u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-imsemmija konvenuta Pietra Dalli u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Guza mart Frangisk Agius li fiha hija eccepiet:-

Illi hija ma ghandhiex interess fil-likwidazzjonijiet mitluba u fl-assi imsemmija fic-citazzjoni ta’ Salvatore u Antonia Cutajar billi hija irrinunzjat skond Nota prezentata fis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fl-istess jum tal-prezentata ta’ din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ghal wirt li gej favur taghha mis-successjoni ta’ l-imsemmija genituri taghha u dana minghajr ebda pretensjonijiet ta’ xejn, inkluz id-dritt tal-legittima lilha dovut skond il-ligi, u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta Guza Agius u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tad-29 ta’ Jannar 1982 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Albert Libreri biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digrieti tad-9 ta’ Mejju 1985 u tal-11 ta’ Novembru 1985 li permezz tagghom, fuq talba tal-perit legali, gie nominat bhala perit arkitett AIC Richard Aquilina biex jaghmel stima ta’ l-affarijiet mobbli u immobbli;

Rat ukoll id-digriet tat-22 ta’ April 1986 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku William Cassar Torreggiani biex jaghmel stima ta’ oggetti mobbli;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Ottubru 1994 li bih gie sostitwit il-perit legali nominat, bl-Avukat Dr. Carmelo Vassallo; kif ukoll dak tad-9 ta’ Dicembru 1994 li permezz tieghu, wara li Dr. Carmelo Vassallo informa lill-Qorti li ma setax jaccetta l-inkarigu lilu moghti billi kien ta parir lil xi parti, gie nominat floku Dr. Philip Manduca bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti gudizzjarji Dr. Philip Manduca u AIC Richard Aquilina li jinsabu a fol. 97 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-udjenza ta’ 20 ta’ Mejju 1998; kif ukoll ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju William Cassar Torreggiani li tinsab a fol. 112 *et sequitur* tal-process u li giet konfermata minnu fl-udjenza tad-29 ta’ Lulju 1998;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni wara l-prezentata tar-rapporti peritali maghmula mill-avukati Dr. Robert Mangion u Dr. Peter Borg Costanzi;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

“Hu principju ormaj pacifiku fil-gurisprudenza nostrali illi, biex il-likwidazzjoni ta’ wirt tista’ tintalab bhala pre-ordinata ghad-divizjoni, jehtieg li l-attur ikun werriet, jew ghall-anqas legittimarju; u li ghalhekk, min ikun ghadu ma ddeliberax li jaccetta l-eredita`, jew li ma jaccettahiex u minflok jiehu l-legittima, ma jistax jippromwovi kawza ghal-likwidazzjoni tal-wirt. Ghax hu ma jkunx jista’ jigi kunsidrat la bhala werriet u lanqas bhala legittimarju.” – “**Mary Ellul –vs- Joseph Coleiro et**”, Appell Civili, 6 ta’ April 1959;

Kwantu mbaghad ghal-legittimarju, bhal ma hekk huwa l-attur fl-istanza prezenti, dan ma jistax jippromwovi l-kawza qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt “b’ mod espress” kif hekk jiddisponi l-Artikolu 860 tal-Kodici Civili (“**Gio Maria Debono –-vs- Carmelo Licari et**”; Prim’ Awla, Qorti Civili, 16 ta’ Dicembru 1954;

Fil-kaz taht ezami ghandna dikjarazzjoni espressa fic-citazzjoni illi tammonta sostanzjalment ghall-ghazla gja maghmula tal-legittima billi fiha jinghad illi dakinhar stess tal-prezentata tac-citazzjoni l-attur intavola Nota fir-Registru tas- Sekond’ Awla li permezz taghha rrinunzja ghas- successjoni testamentarja tal-genituri tieghu;

Hekk ukoll jirrizulta mill-atti illi whud mill- eredi l-ohra, u cjoe Imelda Spiteri (fol. 178), Pietra Dalli (fol. 175), Guza Agius (fol. 176), Loreto Cutajar (fol. 234) u Stella Caruana (fol. 236), ilkoll ghamlu d-dikjarazzjoni ta’ rinunzja ghall-wirt, b’ dan illi Imelda Spiteri, Loreto Cutajar u Stella Caruana, dawn l-ahhar tnejn fil-25 ta’ Frar 2000, fl-istess dikjarazzjoni zammew ferm il-jedd taghhom ghal-legittima;

Il-Qorti tistqarr li sabet certa diffikolta fl-interpretazzjoni li kellha tigi akkordata lil dawn ir-rinunzji, kompriza dik ta’ l-attur innifsu. Dan in vista tal-fatt illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenuti rinunzjanti fuq indikati kienu gja involvew ruhhom fi proceduri istitwiti mill- konvenut l-iehor Emmanuel Cutajar fejn dan impunja b’ success testment li kien sar mill-missier fil-15 ta’ Gunju 1974. Dan kif stabbilit fid-decizjoni tat-18 ta’ Frar 1980 (fol. 179). Gjaladarba f’ dawk il-proceduri huma tharrku fil-kwalita` taghhom ta’ eredi tal-missier u dan ghamluh minghajr opposizzjoni jew protesta da parti taghhom, dan forsi jista’ jimplika accettazzjoni tacita ta’ l- eredita`. Ara f’ dan is-sens sentenza fl-ismijiet “**Giuseppe Sammut –vs- Grazia Refalo et**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 30 ta’ Gunju 1954;

Eppure, wara li hasbet sew fuq din il-materja, din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi l-fatt wahdu li l-fuq imsemmija rinunzjanti ddifendew it- testment hekk impunjat ma kellux *per se* jammonta ghall-accettazzjoni tacita` kif mahsub bl-

Artikolu 850(3) tal-Kodici Civili. Biex din id-difiza jew att taghhom kellu jitqies accettazzjoni tacita` "dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri" ("**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966). Ghall-esposizzjoni aktar ampja fuq din it-tema ara decizjoni fl-ismijiet "**Clementina Farrugia et –vs- Maddalena Farrguia et**", Appell Civili, 30 ta' April 1962;

F' dan il-kaz mhux biss ma saret l-ebda prova bhal din izda l-ebda eccezzjoni jew sottomissjoni fir- rigward ma giet sollevata mill-kontendenti. Apparti l-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, jinsab ukoll akkolt illi "*nel dubbio, quando si tratta di questioni relative ad una accettazione di eredita`, si deve decidere per la dichiarazione di non essere stata accettata l' eredita`*" ("**Teresa Mangion et –vs- Paolo Deguara**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 1884 riportata a Vol X pagna 596);

Dan stabbilit, il-kawza hija principalment intiza ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-legittima dovuta lill-attur. B' testment *unica charta* tas-27 ta' Lulju 1971, atti Nutar George Cassar (fol. 6) it-testaturi Salvatore u Antonia konjugi Cutajar hallew b' eredi universali taghhom lil uliedhom Gerald, Grazio, Loreto, Stella Caruana u Imelda Spiteri f' sehem indaqs bejniethom. Lill- kontendenti l-ohra uliedhom, u cjoe Giuseppa Agius u Pietra Dalli irrizervawlhom id-dritt tal-legittima skond il-ligi. Rizerva din li l-imsemmija kontendenti rrinunzjaw ghaliha wkoll, kif hekk evidenzjat mid-dikjarazzjonijiet taghhom quddiem is-Sekond' Awla (fol. 175 u fol. 176);

F' dan l-istess testment il-kontestaturi hallew b' legat in pjena proprjeta` lil binhom, il-konvenut Emanuel Cutajar, il-fond terran abitazzjoni taghhom, kompriz f' dan il-laxxitu

l-ghamara u l-oggeti mobili kollha *a limine intus*, eskluzi flus u titoli li jirrapprezentaw flus;

Issa l-attur jikkontendi bhala premessa preambulari ghat-talbiet tieghu illi l-legat imsemmi jirrapprezenta kwazi t-totalita` ta’ l-assijiet tal-genituri u konsegwentement il-laxxitu hekk konferit lill-konvenut imsemmi kien jeccedi l-porzjoni disponibbli tat-testaturi. Dan l-aspett ma gie bl-ebda mod koltivat mill-perit legali tant li fil-perizja ma nsibu l-anqas minimu accenn ghalih;

Il-ligi taqsam il-gid tad-disponenti f’ zewg partijiet; wahda l-parti disponibbli u l-ohra l-parti indisponibbli. Dan kif jemergi mill-Artikoli 614(2), 646 u 647, u d-disposizzjonijiet li jsegwuh li jittrattaw fuq ir-riduzzjoni tad-disposizzjonijiet tat-testment li jaqbzu s-sehem li t-testaturi setghu jiddisponu minnhom. Il-parti li mhix disponibbli tigi matematikament kalkolata skond kif kalkolat fl-Artikolu 616 u ta’ wara skond il-kaz. Ifisser ghalhekk illi l-fakolta li t-testaturi jaghmlu li jridu bil-kwota disponibbli ta’ gidhom hi limitata mill-parti indisponibbli. In vista ta’ dan “l-ewwel haga li ghandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex inkunu nistghu naccertaw jekk id-decujus bid-disposizzjoni ta’ dak il-legat eccediex il-parti disponibbli tal-patrimonju; u f’ dina l-likwidazzjoni l-legat *de quo agitur* fl- estensjoni tieghu kollha ghandu jigi kalkulat, il-ghaliex l-istess, bhal speci ta’ beni jew korp, jappartjeni lil-legatarji, u fuqu l-legittimarji ma ghandhomx hlief id-dritt li lilhom taghti l-ligi fil-kaz li jigi konstatat li d-decujus, bid-disposizzjonijiet tieghu, ikun ecceda l-parti disponibbli, f’ liema ipotesi l-istess jista’ jkun soggett ghar-riduzzjoni” – “**Maria Wismayer et –vs- Ruggiero Wismayer et**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 22 ta’ Mejju 1950;

Issa opportunament tajjeb li jigi sottolinejat illi “il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet” (Artikolu 615 tal-Kodici Civili), dovuta *in natura* (**Vol. XXVII P I p 451; Vol. XXXVIII P II p 551**), “*in piena proprieta` senza alcun peso od altra condizione*” (**Vol. XXII P II p 116**). Ghaldaqstant “*si calcola sull’ intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e*

*delle spese funerarie*" (**Vol. IX pagna 297**). Gjaladarba ghalhekk "skond il-ligi taghna l-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus, dan allura, kif gja inghad, jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr distinzjoni ta' l-ispecie taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantita`. Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lil-legittimarju determinata speci ta' beni' (**Vol. XXXIV P II p 574**);

"Dan ifisser illi l-legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittima tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus. Konsegwentement, meta d-decujus ihalli xi legat jew jaghmel xi donazzjoni, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-legittima u tigi assenjata lilu. Dak il-legat jew dik id-donazzjoni ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni biss ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni taghhom fil-kaz li din tigi leza." – "**Joseph Vella –vs- Anthony Bezzina et**", Appell, 20 ta' Novembru 1998;

Il-valutazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni tal-konjugi premorti f' dan il-kaz hi maghmula tikkonsisti fis-segwenti:-

(a) Il-fond "Maria Stella", St. Ciro Street, Gudja mholli b' legat lill-konvenut Emamuel Cutajar. Dan il-fond jinsab deskritt fir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina (fol. 114). Jinghad li jikkonsisti f' parti ftit qadima u ambjenti ta' kostruzzjoni aktar recenti li wiehed ghandu presumibilment jikkonkludi li saru mil-legatarju Emmanuel Cutajar. L-espert tekniku jipproponi zewg stejjem dik ghal parti minghajr iz-zidiet fl-ammont ta' hamest elef u hames mitt lira Maltija (Lm5500); dik fl-istat attwali fiz-zmien ta' l-access (1987) fl-ammont ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000);

(b) L-effetti mobili kif elenkati fl-access tal-15 ta' April 1986 (fol. 214) valutati komplessivament mill-espert

stimatur William Cassar Torreggiani fl-ammont ta’ erba’ mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm465.00,0). Ara relazzjoni ta’ l-imsemmi espert a fol. 112;

(c) Investiment ta’ £100 9% British Savings Bonds Numru J 902086 konvertit fil-perjodu tal-maturita` tieghu (1 ta’ Novembru 1977) f’ 8½% British Savings Bonds (Fourth Conversion Issue) Numru R 901384 (fol. 12);

(d) Depozitu ta’ hamsin lira (Lm50) Barclays Bank Numru 031197. Ara denunzji a fol. 144 u fol. 149;

Sehem it-testatur Salvu Cutajar mill-komunjoni huwa ghalhekk kif gej:-

(i) Il-valur ta’ l-art li fuqha nbena t-terran fuq imsemmi, gjaladarba l-art kienet partikulari ghal dan id-defunt biss, u n-nofs tal-valur tal-benefikati eretti fuqha. Il-perit tekniku ma jghidx kemm hu l-valur tal-wahda (l-art) u l-valur ta’ l-ohra (il-benefikati), u jidher ghalhekk evidenti illi l-perit legali mexa fuq l-assunzjoni zbaljata illi l-valur ta’ Lm5500 kien attribwibbli ghall-art biss. Invece din l-istima kienet relatata mal-valur ta’ l-ambjenti fil-pjan terran biss minghajr l-addizzjonijiet ta’ kmamar u modifikazzjonijiet fil-livell ta’ l-ewwel sular (fol. 115), li jidher li saru wara l-mewt ta’ dan it-testatur;

Minn dan appena rilevat, kompriz l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-volonta` tat-testaturi, huwa desumibbli li dak li hu kompriz fil-legat imholli huma biss dawk l-ambjenti bl-accessorji taghhom u fil-kundizzjoni li fiha kienu jinsabu dakinhar tal-mewt tat-testaturi. Dan hu arguwit mill-Artikolu 731 (1) tal-Kodici Civili. Il-kumditajiet l-ohra li saru wara l-mewt tad-disponenti ma jiccentrawx *ut sic* fil-legat u ma ghandhomx jigu stmati ghal finijiet tal-legittima;

Hu ovvju wkoll illi l-valur ta’ l-art u dak tal-benefikati komprizi fil-legat iridu jkunu korrelatati mal-valur totali ta’ Lm5500, u mhux kif relatat mill-perit legali. Billi din il-kawza issa ilha pendenti ‘l fuq minn tnejn u ghoxrin (22) sena jinhass opportun, fl-interess ta’ l-istess partijiet, illi l-Qorti taghmel uzu ta’ l-arbitriju biex b’ hekk jigu evitati

spejjez ta' perizja ulterjuri u dilungar zejjed. Il-Qorti qeghda ghalhekk *marte proprio* tiffissa l-valur ta' elf lira (Lm1000) ghall-art u erbat elef u hames mitt lira (Lm4500) ghall-benefikati;

Konsegwentement fir-rigward ta' l-immobbli sehem id-decujus Salvu Cutajar jikkonsisti f' elf lira (Lm1000) valur ta' l-art u elfejn mitejn u hamsin lira (Lm2250) sehmu mill-benefikati. Invece dak tat-testatrici Antonia Cutajar hu biss in-nofs tal-valur tal-benefikati, ossija elfejn mitejn u hamsin lira (Lm2250);

Kwantu ghal sehem dan it-testatur mill-mobbli l-Qorti tikkonkorda mal-perit legali illi in vista tal-kuntrast qawwi bejn il-kontendenti dwar jekk dawn inxtrawx mit-testatrici jew minn Emmanuel Cutajar, kif hekk jikkontendi dan ta' l-ahhar, u billi l-Qorti taccetta illi hu probabbli hafna li whud minnhom tabilhaqq inxtraw mill-imsemmi konvenut, wiehed ghandu japplika l-principju ekwu illi l-valur taghhom jigi diviz bejn l-imsemmi Emmanuel Cutajar u l-genituri tieghu. Li jfisser li sehem Salvu Cutajar hu dak ta' mija u sittax-il lira Maltija, hamsa u ghoxrin centezmu (Lm116.25,0). Egwalment jghodd fil-kaz ta' martu.

Ghamel sewwa wkoll il-perit legali illi biex jeghleb kull kwestjoni dwar l-oggetti tad-deheb u l-kontestazzjoni nsorta dwarhom mill-provi tal-partijiet illi jzid is-somma ta' mitt lira (Lm100) mas-sehem tat-testaturi imsemmija mad-depozitu u investiment bankarju; b' kollox ghalhekk mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175) kull wiehed u wahda mit-testaturi;

Rikapitulati ghalhekk l-assi partikolari ta' Salvu Cutajar hu kif gej:-

| | | Lm |
|---|---|---|
| I. | Stima ta' l-art u nofs il-benefikati | 3250.00,0 |
| II | Sehem mill-valur tal-mobbli | 116.25,0 |
| III. | Sehem mid-deposiziti bankarji u effetti ohra | 175.00,0 |
| | Total Attiv | 3541.25,0 |

Invece l-assi partikolari ta’ Antonia Cutajar hu s-segwenti:

| | | | Lm |
|---|---|---|---|
| I. | Benefikati dwar l-immobbli | | 2250.00,0 |
| II | Mobbli | | 116.25,0 |
| III. | Depoziti hwejjeg ohra | | 175.00,0 |
| | | Total Attiv | 2541.25,0 |

Fuq il-bazi tar-regoli fuq traccjati u kif rakkolti mill-gurisprudenza, fejn bhal f’ dan il-kaz fejn l- ulied huma tmienja b’ kollox, “*la legittima d’ un figlio legittimo, se e` i figli sono cinque o piu`, e` la meta dei beni del defunto divisibile fra tutti i figli che ne partecipano, dedotte le spese funerarie ed i debiti*.” (**Vol. X pagna 564**);

Jidher li l-perit legali ma hax in konsiderazzjoni fil-kalkolu li ghamel tal-valur donazzjonijiet li saru, kif dikjarati espressament taht il-firma tad-donatarju (fol. 18 sa fol. 22) u li komplessivament jammontaw ghal mija u hamsa u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm155.50). Diviz dan l-ammont bejn iz-zewg defunti, l-assi ta’ Salvu Cutajar jizdied b’ Lm77.75 ghal Lm3619.25,0 mentri dawk ta’ Antonia Cutajar maghdud l-istess ammont il-valur attiv jitla ghal Lm2629.00,0;

Hekk ukoll, imbaghad, l-istess perit legali naqas li jiddeduci bhala passivita` l-ispejjez funerarji (fol. 153 sa fol. 160), u li fil-kaz ta’ Salvu Cutajar kienu jammontaw ghal Lm97.75, u Lm89.85 fil-kaz ta’ Antonia Cutajar;

Dan ifisser illi n-nett attiv fil-kaz ta’ Salvu Cutajar hu Lm3619.25,0 dedott b’ Lm97.75,0, jew tlett elef hames mija wiehed u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm3521.50,0); dak ta’ Antonia Cutajar hu elfejn hames mija disgha u tletin lira u hmistax-il centezmu (Lm2539.15,0 jigifieri Lm2629.00 – Lm89.85);

B’ applikazzjoni tar-regola prevvista mill-Artikolu 616 tal-Kodici Civili sehem l-attur tal-legittima mill-assi tal-genituri

tieghu huwa wiehed minn sittax-il parti (1/16). Li jfisser Lm220.09,0 fil-kaz ta' l-assi tal-missier u Lm158.69,0 fil-kaz ta' l-assi ta' l-omm;

Jinsab pacifikament affermat illi fuq il-beni li jikkomponu l-legittima tieghu l-legittimarju ghandu dritt ghall-frutti minn dakinhar ta' l-apertura tas-successjoni (**Vol. XXVI P II p 1; Vol. XXXIV P II p 568**). Ghalhekk l-attur hu intitolat jircievi interessi fuq l-ammonti appena likwidati bhala legittima minn dakinhar tal-mewt tal-genituri tieghu, jigifieri mill-25 ta' Lulju 1974 u l-15 ta' Frar 1974 rispettivament;

Finalment il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-accenn li ghamel il-perit legali fil-kaz tal-pretensjoni ta' Imelda Spiteri billi din imkien ma adduciet xi talba formali ghal-legittima. F' kull kaz dan lanqas jista' jsir f' dawn il-proceduri istitwiti biss mill-attur.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba attrici u b' hekk tistabbilixxi u tillikwida l-assi ta' Salvatore Cutajar u ta' Antonia Cutajar genituri tal-kontendenti fil-mod stabbilit aktar 'il fuq f' din is-sentenza;

Tilqa' t-tieni domanda billi tiffissa l-assi partikolari ta' Salvatore Cutajar fl-ammont ta' tlett elef hames mija wiehed u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm3521.50,0) li fuqhom il-legittima dovuta lill-attur hi ta' mitejn u ghoxrin lira u disa' centezmi (Lm220.09,0), bl-interessi mill-25 ta' Lulju 1974, data tal-mewt ta' l-imsemmi Salvatore Cutajar;

Tilqa' t-tielet domanda billi tiffissa l-assi partikolari ta' Antonia Cutajar fl-ammont ta' elfejn hames mija disgha u tletin lira u hmistax-il centezmu (Lm2539.15,0) li dwarhom il-legittima dovuta lill-attur hi ta' mija u tmienja u hamsin lira, disgha u sittin centezmu (Lm158.69,0) bl-interessi mill-15 ta' Frar 1974, data tal-mewt ta' l-istess Antonia Cutajar;

Tilqa’ r-raba’ talba billi tinnomina n-Nutar Tonio Spiteri biex jippubblika l-att opportun mhux aktar tard mill-21 ta’ Novembru 2003 fl-edificcju tal-Qorti. Il-Qorti qed tinnomina wkoll lill-Avukat Reno Borg biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq dan l-istess att.

L-ispejjez tal-kawza ta’ l-attur ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Emanuel Cutajar. Mill-kumplament kull wiehed mill-kontendenti konvenuti jbati l-ispejjez proprji tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------